

# Niġġieldu l-kriżi flimkien

Bħalissa aktar minn qatt qabel, huwa kruċjali li n-nies iħossu li aħna aktar b'saħħitna flimkien. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha qegħdin kollettivament jimmobilizzaw aktar minn EUR 3 triljun bl-iskop li jgħinu biex jiġu salvati ħajjiet, impjiegi u negozji billi jappoġġaw l-eluf ta' persuni li jaħdmu flimkien biex jagħmlu differenza.

Ma nimxux 'il quddiem fil-firda, iżda billi nkunu magħqudin: mar-riċerkaturi, mal-persunal mediku, max-xjenzati, mal-għalliema, mal-ħbieb u mal-ġirien li lkoll naħdmu minn wara l-kwinti.

**Skopri stejjer Ewropej ta' solidarjetà u tama li jħeġġuna lkoll nibqgħu sodi**

#EwropejKontraCovid19